**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Saviour Baldacchino)**

**Vs**

**Omissis u**
**Daniele Aquilina**

Kaz Numru: 139/2012

Illum 11 ta' Jannar 2016

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati Omissis u Daniele Aquilina ta' 18-il sena, iben Mary Rose Camilleri xebba Aquilina, mwieled Pieta' nhar 19 ta' Settembru 1993 u residenti gewwa l-Ghorfa, Triq Sir Ugo Mifsud, Ta' Xbiex, detentur tal-karta tal-identita' numru 568393M talli:

1. Fil-lejl ta' bejn il-5 u s-6 ta' Frar tal-2012, gewwa Ta' Xbiex, bil-hsieb li jikkommettu serq ta' mutur outboard ta' valur ta' madwar 1700 Euro minn fuq opra tal-bahar bl-isem ta' La Negra ghad-dannu ta' Axel Peemoller, imwieled nhar 19 ta' Settembru 1976 gewwa l-Germanja detentur tal-passaport bin-numru L7KMCYHON, liema serq, li kieku sar, kien ikun aggravat bil-vjolenza, bil-hin, bil-lok, bil-valur li jeccedi l-232.94 Euro izda ma jeccedix l-2329.37 Euro u bix-xorti tal-haga misruqa liema delitt ma giex esegwit minhabba xi haga accidentali u indipendenti mill-volonta' taghhom skont art 41(1)(a) tal-Kap 9.

2. U wkoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer hebbew ghal Axel Peemoller u kkagunawlu feriti ta' natura hafifa skont art 221(1).

3. Kif ukoll talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer kisru volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku skont artikolu 338(dd) tal-Kap 9.

Lil Omissis wahdu:

4. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f'dawn il-Gzejjer kien komplici ta' attentat ta' serq u dan billi b'xi mod, xjentement ghen jew assista lill-awtur cioe' Daniele Aquilina fl-attentat ta' serq art 42(d) tal-Kap 9.

Lil Daniele Aqulina wahdu:

5. Talli naqas milli jhares il-kundizzjonijiet imposti fuqu mill-Magistrat Dr A. Micallef Trigona LL.D fid-digriet tieghu datat 15 ta' Dicembru 2011 li bih tah helsien mill-arrest taht garanzija personali ta' 5000 Euro u dan wara li wettaq reat punibbli bi prigunerija Art 579(2) Kap 9.

6. Talli sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta fosthom dwar serq liema sentenzi ma jistghux jigu mibdula jew imhassra skont art 289(1) tal-kap 9

7. Ukoll talli kkommetta reat iehor waqt perjodu operattiv ta' probation.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat fis-seduta tat-2 ta' Novembru, 2015 irregistra ammissjoni u li wara li l-Qorti tatu zmien sabiex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu huwa kkonferma l-ammissjoni.

Semghet ix-xhieda.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Semghet is-sottomissjonijiet dwar il-piena.

Rat li l-kaz thalla ghas-sentenza.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghalhekk dawn gew sodisfacjentement ippruvati.

Illi llum stess din il-Qorti se taghti sentenza ohra fil-konfront tal-imputat u li minnha jirrizulta li l-imputazzjonijiet odjerni li jgibu n-numru 5, 6 u 7 se jigu trattati fis-sentenza l-ohra u dan anki kif sottomess mill-ufficjal prosekutur u kwindi l-Qorti se tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghhom.

Illi nkwantu ghall-piena filwaqt li l-prosekuzzjoni tinsisti ghal prigunerija effettiva, id-difiza ssottomettiet li sentenza ta' prigunerija effettiva mhix idonea fic-cirkostanzi billi l-imputat ghamel progress kbir.

Illi l-imputat jinsab akkuzat b'attentat ta' serqa aggravata bil-vjolenza, bil-hin, bil-lok u bil-valur li jeccedi l-232.94 Euro izda li ma jeccedix l-2329.37 Euro; kif ukoll li kkaguna ferita hafifa fuq id-derubat u bi ksur tal-bon-ordni. In-natura tar-reati partikolarment l-ewwel imputazzjoni hija wahda serja hafna. Huwa reat li jiddisturba lis-socjeta' in generali. Harsa imbaghad lejn il-fedina penali tal-imputat jigi nnutat li ghalkemm l-imputat ghadu ta' eta' zghira diga' xellef dufrejh mal-gustizzja diversi drabi u inghata hafna opportunitajiet mill-Qrati taghna fosthom diversi ordnijiet ta' probation precizament erbgha.

F'dawn il-proceduri giet prodotta bhala xhud Svetlana Bezzina, ufficjal tal-probation, li ilha ssegwi lill-imputat mis-sena 2012. Hija xehdet li fil-bidu li bdiet issegwi lill-imputat gew identifikati numri ta' aspetti li jirrikjedu attenzjoni partikolarment l-aspett tax-xoghol, l-attitudni tieghu bill huwa ma jaghrafx il-konsegwenzi ta' ghemilu u l-hbiberiji. F'dak iz-zmien kien ukoll jaghmel uzu mill-cannabis. Gie ghalhekk imhejji pjan ta' kura u fil-bidu l-imputat kien sejjer tajjeb. Izda inkwantu ghal xoghol fil-komunita' dan ma tax rizultati tajba ghalkemm eventwalment ix-xoghol twettaq minnu. It-testijiet ghal sustanzi illeciti li saru dan l-ahhar sena kienu kollha fin-negattiv.

Xehed ukoll iz-ziju tal-imputat John Colombo li ta dettalji dwar it-trobbija tal-imputat u dwar il-problemi familjari li kellu jiffaccja waqt

li kien tifel u fi zmien l-adoloxxenza. Ix-xhud spjega li dawn l-ahhar snin avvicina l-familja tieghu u huwa avvicinaw ruhhom aktar mal-imputat u huwa qieghed izomm ghajnejh fuq l-imputat biex ma jizbaljax.

Jirrizulta wkoll li dawn l-ahhar xhur l-imputat beda jahdem self-employed.

Tenut kont ta' dawn ir-rizultanzi kollha l-Qorti tqis li f'dan il-kaz m'ghandhiex timponi piena karcerarja effettiva izda ghandha timponi sentenza sospiza flimkien ma' ordni ta' supervizjoni sabiex l-imputat ikompli jigi segwit mill-qrib.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-hames, sitt u seba' imputazzjonijiet, wara li rat l-artikoli 17, 20, 31, 41(1)(a), 221(1), 261(a)(e)(f), 262(1)(b), 267, 269(e), 270, 274(c), 277(a), 280(2) u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet l-ohra migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal sentejn (2) prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal zmien erba' (4) snin.

Inoltre' a tenur tal-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta tordna l-hrug ta' ordni ta' supervizjoni fil-konfront tal-hati ghal zmien tlett (3) snin skont id-digriet anness li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti wissiet lill-hati bl-import tas-sentenza u l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet moghtija mill-ufficjal sorveljanti.

Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole.

Dr Josette Demicoli LL.D
Magistrat